MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Numru. 1011/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anne Marie Xuereb]**

**vs**

**Paul Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 106284(M).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli, nhar it-13 ta' Mejju 2010, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna u cioe` lil Norbert James Falzon u b'md li kien jaf jew kien imessu jkun jaf illi dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd u cioe` ta' Norbert James Falzon, wegghu bi kliem, b'gesti, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3. Finalment, qed jigi akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta' l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz li semghet ix-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq manifesti li twahhlu fuq il-'bus stops' ta' Malta fejn dawn kienu ingurjuzi ghall persuna ta' Norbert Falzon li rrizulta li kien ghamel xi xoghlijiet lill-imputat u fejn dan ma kienx kuntent minn dawn ix-xoghlijiet.

Mix-xhieda tal-**Ispettur Anne Marie Micallef** a fol hmistax (15) tal-process jirrizulta illi Norbert Falzon kien mar jirraporta fl-ghassa ta' Sliema fejn kellu informazzjoni minn persuni li kienu fil-Campus tal-Universita` u li fuq il-karrozzi taghhom sabu 'flyers' bil-'logo' tal-Hyper Performance (li huwa l-hanut tal-istess Falzon) u fejn dawn kellhom kliem ikrah fil-konfront ta' dan il-hanut. (dokument esebit a fol dsatax (19) tal-process).

Illi Falzon kien qal li kull ma kellu nkwiet kien ma' certu Brandy Farrugia u mal-imputat Paul Spiteri fejn kellu kawzi fit-Tribunal tal-Konsumatur.

Il-parte civile kien nel frattemp baqa' jircievi u jara dawn il-'flyers' imwahhlin ma' 'buses', u 'stages' tal-linja minn terzi persuni li dawn in-nies ukoll kienu kkonfermawlu illi fil-fatt kien Paul Spiteri li kien qed iwahhalhom.

L-Ispettur tkompli tghid illi hija fil-fatt kelmet lill-imputat, u wara li taghtu t-twissija tas-soltu taghtu wkoll id-dritt tal-avukat illi huwa kien irrifjuta, hadet l-istqarrija tieghu fejn huwa kien ammetta illi kien wahhal dawk il-'flyers' u ghamel dan wara li l-parte civile ma mexiex tajjeb mieghu wara li kien xtara xi affarijiet minghandu u wara illi huwa kien fetah kawza fit-Tribunal tal-Konsumatur li kienet ghadha ghaddejja.

Xehed il-parte civile **Norbert Falzon** fejn gie mitkellem minn habib tieghu fejn kien qallu li kien sab xi 'flyers' fuq in-negozju tieghu fil-'parking' tal-Universita` li dawn kienu qeghdin jghidu affarijiet koroh fuqu. Il-parte civile spjega illi x-xoghol tieghu huwa li jarma karrozzi minn gewwa u li l-imputat kien tah bicca xoghol u dan ma kienx kuntent biha. Illi xi hadd iehor li baqa' anonimu kkonfermalu wkoll illi ra lill-imputat fuq tal-linja li hu jsuq, u rah direttament iwahhal dawk il-'flyers' fejn ukoll shabu kienu qeghdin jghinuh iwahhal it-'tape'. Din il-verzjoni giet ikkonfermata b'xhieda bil-gurament ta' **Joseph Cassar** fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elfejn u tnax (2012).

Irrizulta wkoll illi meta dawn il-'flyers' kienu jitnehhew, dawn kienu jigu immedjatament imwahhlin fil-post fejn kienu l-ohrajn li kienu tnehhew.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Paul Spiteri** fejn huwa irritratta dak kollu li kien qal fl-istqarrija tieghu u nnega kompletament illi huwa qatt wahhal dawk il-'flyers' u li kien qal hekk ghaliex hassu mhedded minn terza persuna.

Rat id-dokumenti konsistenti f'ritratti tal-istess 'flyers' a fol sitta u erbghin (46) et. seq tal-process.

Ikkunsidrat illi din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt kif gie trattat l-imputat Paul Spiteri mill-pulizija tenut kont illi huwa ta' l-istqarrija b'mod liberu minghajr kostrizzjonijiet u wara li nghatat id-debita twissija u d-dritt tal-avukat hekk kif kontemplat fil-ligi taghna.

Illi meta wiehed jara il-kliem kontenut fil-'flyers' in kwistjoni, dan ma hemmx biss illi l-imputat ma giex moqdi tajjeb izda jmorru oltre illi jinfamaw lill-parte civile bi kliem ta' tghajjir (*bummer)* u jinfamah illi l-prodotti tieghu huma kollha difettuzi.

Illi ghalkemm fix-xhieda tieghu bil-gurament, l-imputat innega li kien hu li effettivament wahhal dawk il-'flyers', pero` dan ma tantx huwa kredibbli meta fl-istqarrija tieghu kien inekwivoku li kien hu li ghamel hekk, anzi ggustifika l-

fatt illi huwa kien haseb li ma kienx qed jaghmel xejn hazin, u l-Qorti hija konfortata bil-fatt illi kien hemm xhud okulari li ra lill-imputat iwahhal l-istess ‘flyers’ fuq postijiet hdejn il-‘bus’ tieghu.

Rat illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Magistrati fit-tnax (12) ta’ Marzu elfejn u disa’ (2009) (Dok a fol sitta u ghoxrin (26) tal-process) izda fejn din kienet semplicement kawza tat-traffiku.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 251A (1)(a)(b) u Artikolu 252(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante illi l-addebitu tar-recidiva kien biss jikkontempla sentenza fuq traffiku, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat **Paul Spiteri** ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1).

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------